



2025/2375

24.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2375

tat-13 ta' Novembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Suomen Pankki

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2025 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Suomen Pankki (BĊE/2025/35) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Suomen Pankki, KPMG Oy Ab, ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2025. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2026 'il quddiem.
- (3) Suomen Pankki għażel lil PricewaterhouseCoopers Oy bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2026 sal-2031.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li PricewaterhouseCoopers Oy tinħatar bħala l-awdituri esterni ta' Suomen Pankki għas-snin finanzjarji mill-2026 sal-2031.
- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. PricewaterhouseCoopers Oy huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Suomen Pankki għas-snin finanzjarji mill-2026 sal-2031."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE

⁽¹⁾ ĠU C, C/2025/5611, 16.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5611/oj>.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj)).